MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Avviz Numru. 164/2009

**Rikors 164/09CSH**
**Malta Fairs and Conventions Centre Ltd. (C39678)**
**vs**
**Tabone Computer Centre Limited (C12340)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fl-4 ta' Mejju 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' disat elef, hames mija w seba' Ewro w sitta w hamsin centezmu (€9,507.56) bilanc minn somma akbar rappresetanti l-prezz ta' partecipazzjoni, kiri ta' spazju w servizzi ohra waqt diversi fieri organizzati mis-socjeta' attrici fuq struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta stess. Dan l-ammont jirrizulta mill-fattura hawn annessa bhala Dok MFCC1 li jwassal ghal total ta' tlettax-il elf erbgha mija w sebgha u tletin Ewro u hames centezmi (€13,437.05) li minnu qed jitnaqqas l-ammont ta' tlett elef disa' mija w disgha w ghoxrin Ewro u disgha w erbghin centezmu (€3,929.49) ghal servizz li s-

socjeta' konvenuta ghamlet fuq ordni tas-socjeta' attrici, skond fattura numru 44237869 u *purchase order* 0476.
Illi regola kardinali li hija addottata mis-socjeta' attrici ghal partecipazzjoni tal-fieri hija li l-hlas kollu jrid isir minn qabel, izda s-socjeta' konvenuta abbuzat mill-posizjoni tal-Managing Director taghha s-Sur Joe Tabone, li dak iz-zmien kien ukoll Direttur tas-socjeta' attrici, u ppartecipat fil-fiera minghajr ma hallset il-kont relattiv ghal diversi fieri, minn qabel.
Illi s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti anke wara li giet interpellata b' ittra legali datata 15 ta' Settembru 2008 u ittra ufficcjali datata 27 ta' Frar 2009.
Bl-ispejjez gudizzjajri u extra-gudizzjarji relattivi ghal din it-talba, nkluz ta' l-ittri fuq imsemmija kif ukoll bl-imghaxijiet legali bl-oghla rati ai termini tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta, kkalkulati mid-data ta' kull fattura kontra taghha li hija ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta fejn esponiet is-segwenti:-
Illi hija tammetti biss l-ammont ta' erba' mija u ghaxar Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€410.82), izda l-kumplament tat-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kif ser jinghad.
*1. "Illi l-esponenti mhuwiex qed jikkontesta l-invoices tad-9 ta' Lulju 2007 fl-ammont ta' tletin Ewro u erbgha wghoxrin centezmu (€30.24) u tat-12 ta' Ottubru 2007 fl-ammont ta' tlett elef mija w sebgha u disghin Ewro u sitta w sebghin centezmu (€ 3,197.76), izda tenut kont , u dan anke kif ammess fl-avviz, li l-esponenti ghandu jiehu minghand is-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef disa' mija w disgha u ghoxrin Ewro u disgha w erbghin centezmu (€3,929.49), jigi illi dawn iz-zewg invoices huma meqjusa bhala imhallsin.*

*2. Illi ghar-rigward ta' invoice tas-27 ta' Gunju 2008 fl-ammont ta' EURO 7,570.57 dan huwa totalment kontestat billi s-socjeta' attrici kienet inadmpjenti fl-obbligi taghha u konsegwentement m'ghandu jithallas xejn.*

*3. Illi ghar-rigward ta' l-invoice l-iehor tas-27 ta' Gunju 2008 numru 2869 fl-ammont ta' elfejn sitt mija w tmienja w tletin Ewro u tmienja w erbghin centezmu (€2638.48) l-esponenti m'huwiex qed jikkontesta l-parti relattiva ghat-tapit fl-ammont ta' hames mija w erbatax-il Ewro u tmienja w erbghin cenetzmu (€518.48) izda ghar-rigward tal-banner li huwa ezagerat u ma jirriflettix il-prezz tas-suq u mill-ammont mitlub ta' elfejn mija w erbgha w ghoxrin Ewro (€2,124) ghall-banner, l-esponenti huwa dispost biss li jaccetta ammont ta' hames mija w sebgha u disghin Ewro u tlieta w tmenin centezmu (€597.83) u cioe' bir-rata ta' tlett liri Maltin (LM3) kull square metre u billi l-banner fih total ta' 72.5metru kwadru (25 x 2.9) dan huwa ekwivalenti ghal mitejn u sbatax-il Lira Maltin u hamsin centezmu (LM217.50) li bil-VAT jigi mitejn u sitta w hamsin Lira Maltin (LM256) ekwivalenti ghalhames mija w sebgha u disghin Ewro u tlieta w tmenin centezmu (€597.83).*

*4. Illi finalment l-esponenti jirrileva illi huwa ma setax ihallas l-ammont mitlub u dan billi kien kolpit b'Mandat ta' Sekwestru Numru 2768/08 mahrug fit-23 ta' Setembru 2008 u l-esponenti sar jaf li dan gie revokat biss recentement.*

*5. Illi l-esponenti huwa dispost li jhallas l-imsemmija somma ta' erba' mija u ghaxar Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€410.82) ghas-saldu tal-pretensjonijiet attrici izda fic-cirkostanzi ma jhossx li ghandu jbati l-ispejjez tal-kawza."*

Illi nhar is-7 ta' Lulju 2009 xehed Reuben Caruana ghan-nom u in rappresetnanza tas-socjeta' attrici fil-kwalita' tieghu ta' Managing Director. Spjega li s-socjeta' konvenuta kienet ippartecipat f'zewg fieri f'din il-Malta Conventions Centre, u ma hallsitx dak dovut minnha skond il-ftehim li kien hemm.
Spjega li kien hemm tlett attivitajiet fis-snin 2007 u 2008, kif *del resto* jirrizulta mill-istatement li gie mibghut lilha, li

jinsab esebit f'dan il-process immarkat bhala Dok MFCC a fol. 2 tal-atti. Qal li huwa kien tkellem mas-Sur Joe Tabone u dan kien tah x'jifhem li kien ser ihallas id-debitu li kellu izda ma wasalx. Ikkonferma li verament is-socjeta' attrici kellha taghti lis-socjeta' konvenuta, u dan kif ammess minnhom fir-rikors promotur stess, izda l-ammont dovut illum lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta huwa ta' disat elef hames mija w seba' Ewro u sittin centezmu (€9,507.60). Qal li f'kazijiet ohra huma jithallsu qabel il-fiera tal-mizati dovuti lilhom, pero' f'dan il-kaz David Tabone, Direttur tas-socjeta' konvenuta, kien qalilhom li kien ser ihallas u ghalhekk hallewh jippartecipa.

Illi nhar it-13 ta' Ottubru 2009 xehdet **Roberta Xuereb** prodotta mis-socjeta' attrici. Spjegat li sa Gunju tas-sena 2009 hija kienet tahdem mas-socjeta' attrici u kienet tiehu hsieb il-kont tas-socjeta' konvenuta. Ikkonfermat li l-kitba fuq id-Dokument Z esebit fl-atti hija taghha, u kkonfermat li skond in-notamenti li kien hemm is-socjeta' konvenuta kienet debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tlettax-il elf erba' mija w sebgha u tletin Ewro u hames centezmi (€13,437.05). Ikkonfermat ukoll li d-dokument X esebit fl-atti huwa l-istatement li harget is-socjeta' attrici. Stqarret li s-socjeta' attrici kienet ukoll debitrici tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' tlett elef disa' mija u disgha w ghoxrin Ewro u disgha w erbghin centezmu (€3929.49). Ghalhekk il-bilanc hu dak ta' disat elef hames mija w seba' Ewro u sitta w hamsin centezmu (€9,507.56) dovut lis-socjeta' attici.
In kontro-ezami mistoqsija ghaliex kitbet in-notamenti fuq id-Dokument Z, qalet li hija ghamlet il-kalkoli taghha waqt li kienet qed titkellem mas-segretarja tas-socjeta' konvenuta. Kkonfermat li kienet hi li harget l-*invoice* relattiva. Spjegat ukoll li d-Dokument CSH1 johrog a bazi tal-*participation agreement* li jkun hemm. Dan ikun mghoddi lilha mis-Sales Department wara li l-*agreement* ikun gie ffirmat kemm mill-klijent kif ukoll minn rappresentant tas-socjeta' attrici. Hija ma tkun ghamlet l-ebda noegozjati mal-klijent.
Qalet li s-socjeta' konvenuta kienet ghall-ewwel hadet certu *area* ghall-esebizzjoni taghha, izda wara kienet hadet inqas. Dan kollu pero' hu rifless fil-*participation*

*agreement*. Hi tinnega li kellha xi kwistjoni mas-socjeta' konvenuta, ghalkemm tghid li taf li s-Sales Department kellu xi kwistjoni maghha. Qalet li hi ma taf xejn dwar il-kompozizzjoni tal-istands tal-fiera ghax hi kellha x'taqsam biss mal-accounts.

Nhar is-26 ta' Jannar 2010 xehed **Joe Tabone** fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tas-socjeta' konvenuta. Ikkonferma li huwa kien ukoll jokkupa l-kariga ta' Board Member tas-socjeta' attrici. Jghid li bejn is-socjetajiet kontendenti kien hemm sistema ta' *credit facility.* Jghid li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet ukoll tajba hafna, tant li huma fasslu l-*lay out* tal-fiera*.* Jenfasizza li huwa kien gie mitlub jaghzel il-*floor space* flimkien mal-partecipanti l-ohra, u dan waqt laqgha organizzata minn Robert Lungaro Mifsud.
Ikkonferma li ghal din il-laqgha kien prezenti w ghazel l-ispazju tieghu. Qal li kien ser ikun hemm zewg entraturi, wahda minn quddiem it-tinda u l-ohra minn wara t-tinda. Qal li l-ispazju tieghu kien fl-entratura, ghoxrin metru 'l gewwa. Qal li meta kien qed jarma ghall-fiera nduna li l-hajt ma kienx dritt u ghalhekk kellu xi problemi. Il-hajt ma kienx laterali. Iltaqa' ma' Reuben Caruana w dan qallu li ma kienx hemm problema, ghaliex tah xi *scaffolding* u b'hekk rama dak li kellu jarma. Qal li kien hemm numru ta' *spaces* li kienu sposorjati mill-Gvern u ohrajn mill-privat, u dawn kienu fuq quddiem, u gara li kien hemm konfuzjoni kbira w sabiex tasal hdejh kellek tidhol fi speci ta' *labyrinth*. Minnufih qabel ma nfethet it-tinda huwa beda jaghmel il-*complaints* tieghu u b'hekk infethu l-bibien tal-emergenza tal-gnub. Innota li ma kellux aktar *prime area* minhabba s-sistema tad-dhul. Access liberu ghall-istand tieghu ma kellux. Fuq il-post tkellem ma' Reuben Caruana kif ukoll ma' Romwald, li kien ic-Chief Executive Officer, pero' peress li kien Board Member tas-socjeta' attrici ma kienx hemm wisq li seta' jaghmel.
Jghid li meta spiccat il-fiera huwa kien ircieva kont ghall-banner li uza, li kien kont ezorbitanti. Huwa tkellem ma' Reuben ghal darb' ohra, u dan qallu biex jibghat e-mail. Qal li huwa kien qed jippretendi kont ta' sitt mitt Euro (€600), meta l-kont kien ta' elfejn u sitt mitt Euro (€2,600). Jghid li dan il-banner jintuza biss ghall-fiera u m'ghandu l-

ebda uzu wara. Ikkonferma li Reuben qatt ma rrispondih fuq l-e-mails li kien baghtlu. Ikkonferma li fuq is-socejta' konvenuta hemm mandat ta' sekwestru maghmul mis-socjeta' attrici.
Nhar l-10 ta' Marzu 2010 huwa esebixxa e-mail li baghat lis-socjeta' attrici datata 7 ta' Awwissu 2008, li giet immarkata bhala Dok A, ohra datata 9 ta' Ottubru 2008 immarkata bhala Dok B u ohra datata 27 ta' Novembru 2008 immarkata bhala Dok C. Jghid li l-kontenut ta' dawn l-e-mails hu qasir ghaliex kienu jirreferu ghall-konversazzjonijiet li kien ikollu ma' Reuben.

Ikkunsidrat:

Naturalment is-socjeta' attrici li tallega d-debitu ghandha fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li tipprova l-kreditu minnha vantat. Inkella fin-nuqqas li taghmel dan, jibqa' jimpera l-principju '*actor non probante reus absolvitur'.*
Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc nhar is-26 ta' Jannar 1976 fl-ismijiet **Avv. John Buttigieg noe vs Joseph Porteli noe** **"***Il-piz tal-prova tal-pagament hu fuq id-debitur li jallegah. Prova din li hi jista' jaghmel b'kull mezz billi l-produzzjoni ta' ricevuta mhiex dispensabbli u jistghu jingiebu provi ohra konvincenti."*

M'hemmx dubbju li l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq is-socjeta' attrici mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza, ghax hi qed tallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' Mejju 1970 fl-ismijiet **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri,** u konfermata fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri per Onor. Imhallef Ph. Sciberras) nhar id-19 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet **Maltacom p.l.c vs Kurt Galea Pace** **'***F'kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe' l-attur l-esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju 'actore non probante reus absolvitur'. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-*

*iehor 'reus in excipiendo fit actor', ghax jerga' jinghad*, *l-oneru centrali tal-akkuza jiqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubbju jekk hemmx debitu."*

Issa f'dan il-kaz is-socjeta' atttrici ressqet lil Reuben Caruana jghid li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont imsemmi fir-rikors promotur. Dan ikkonferma li s-socjeta' attrici kellha xi debitu mas-socjeta' konvenuta u ghalhekk kienet naqqset din is-somma minn dak dovut lilha u kien qed ifittex biss ghal bilanc. Jghid li minkejja li s-socjeta' konvenuta kienet tghid li kienet ser thallas, din baqghet ma hallset xejn. Jinghad pero' li qatt ma qal li hemm id-dizgwid bejniethom, u fil-fatt lanqas gie mistoqsi xi domandi dwar dan l-allegat dizgwid li kien hemm f'xi kontro-ezami.

Joe Tabone ghan-nom tas-socjeta' konvenuta ma jichadx li ha s-servizz minghand is-socjeta' attrici, ghalkemm jghid li ma kienx wiehed sodisfacenti. Ma jghidx li nghata inqas spazju milli kien ftiehem dwaru, jew li nghata xi spazju iehor minn dak li ftiehem dwaru, izda jghid li minhabba l-esibituri l-ohra u kif ramaw, huwa ma kellux *prime area* ghaliex l-entratura tat-tinda kienet ostakolata bl-armar ta' terzi. Jghid ukoll li l-kont dwar il-banner kien wiehed eccessiv, u li kien qed jippretendi kont inqas. Ma jghidx pero' li kien ftiehem fuq kont mod u ntbaghtlu iehor.

Dwar il-kont li kien hemm dovut lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici, l-konvenut jikkonfermah u ghalhekk dwar dan m'hemmx kontestazzjoni.

Illi ghalhekk jirrizulta mill-atti li s-socjeta' attrici rnexxielha tipprova li hija tat servizz lis-socjeta' konvenuta, u li s-socjeta' konvenuta ma hallsitx ghal dan is-servizz, skond il-*participation agreement*. M'huwiex bizzejjed li s-socjeta' konvenuta tghid li l-prezz tal-banner kien gholi, ghaliex messha ddiskutiet il-prezz qabel ma ffirmat l-*agreement*. Jinghad li l-*agreement* ta' bejniethom huwa *res inter alios acta* u ghalhekk is-socjeta' konvenuta llum ghandha tonora dak miftiehem minnha u thallas id-debitu taghha. Minn imkien ma jidher li s-socjeta' attrici kienet

inadempjenti fl-obbligi taghha fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta.

**Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa’ t-talba attrici, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, u tikkundanna lill-istess socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici dik is-somma mitluba fir-rikors promotur ghar-ragunijiet hemm imsemmija, fl-ammont ta’ disat elef hames mija u seba’ Ewro w sitta w hamsin centesmu (€9507.56).**

**L-ispejjez ta’ din il-kawza, nkluz dawk tal-ittra legali tal-15 ta’ Settembru 2008 u tal-ittra ufficcjali tas-27 ta’ Frar 2009 jithallsu mis-socjeta’ konvenuta. Bl-imghax mid-data tal-ahhar *invoice* mibghuta mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------